REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1227

tat-12 ta' Novembru 2019

li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' mudelli għall-forniment ta' informazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(7) tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiġu ffaċilitati n-notifiki armonizzati, jenħtieġ li l-informazzjoni rigward it-titolizzazzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar kriterji sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) stabbiliti fl-Artikoli 19 sa 22 u l-Artikoli 23 sa 26 tar-Regolament (UE) 2017/2402 tiġi rrapportata lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) f'format konsistenti u f'konformità ma' standards uniformi.

(2) Il-provvediment ta' informazzjoni f'format armonizzat tippermetti ġbir effiċjenti tad-*data* mill-ESMA u tiffaċilita verifiki ta' konsistenza u l-valutazzjoni tal-kompletezza mill-investituri u l-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li jiġi speċifikat il-format għal kull wieħed mill-oqsma li għandhom jiġu rrapportati f'notifika STS u kwalunkwe informazzjoni ppreżentata lill-ESMA għandha tiġi ppreżentata elettronikament.

(3) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(4) L-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mudelli għal notifika STS

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1)(a) u l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 ([3]) għandha tiġi pprovduta bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1)(b) u l-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 għandha tiġi pprovduta bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 tat-12 ta' Novembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS (Ara paġna 285 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

3. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1)(c) u l-Artikolu 1(2)(c) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 għandha tiġi pprovduta bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

4. Jekk l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont dan l-Artikolu ma tkunx disponibbli jew meħtieġa minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2017/2402, in-notifika għandha tiddikjara "Mhux applikabbli minħabba l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tranżitorji" fil-qasam jew l-oqsma rilevanti tal-Annessi ta' dan ir-Regolament.

5. L-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandha tiġi ppreżentata f'forma elettronika u li tinqara mill-magni.

6. L-"Informazzjoni addizzjonali" msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1226 għandha tiġi inkluża fil-qasam "Kaxxa li trid timtela" tal-Annessi I sa III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean Claude JUNCKER

ANNESS I

Formats ta' qasam li għandhom jiġu applikati fil-formola ta' notifika STS

SIMBOLU	TIP TA' *DATA*	DEFINIZZJONI
{ALPHANUM-n}	Sa n karattri alfanumeriċi	Kaxxa għal test liberu. Għandu jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{COUNTRYCODE_2}	2 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż b'2 ittri, kif definit mill-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alpha-2. Għandu jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{CURRENCYCODE_3}	3 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż bi 3 ittri, kif definit mill-kodiċijiet tal-pajjiż ISO 4217. Għandu jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{DATEFORMAT}	Format tad-data skont l-ISO 8601	Id-dati għandu jkollhom il-format li ġej: SSSS-XX-JJ
{Y/N}	karattru alfanumeriku wieħed (1)	'veru'- Y 'falz' – N
{ISIN}	12-il karattru alfanumeriku	Kodiċi ISIN kif definit f'ISO 6166
{LEI}	20 karattru alfanumeriku	Identifikatur ta' entità ġuridika kif definit f'ISO 17442

Formola ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet mhux ABCP

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSS0	L-ewwel punt ta' kuntatt		{ALPHANUM-1000}
STSS1	Kodiċi tal-identifikazzjoni tal-istrument		{ISIN}
STSS2	Il-LEI tal-oriġinatur jew l-isponsor jew il-mutwant oriġinali		{LEI}
STSS3	Identifikatur tan-notifika		{ALPHANUM-100}
STSS4	Identifikatur Uniku		{ALPHANUM-100}
STSS5	Identifikatur tal-Prospett		ALPHANUM-100
STSS6	Repożitorju tat-titolizzazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSS7	Isem tat-titolizzazzjoni		ALPHANUM-100
STSS8	Pajjiż ta' stabbiliment		{COUNTRYCODE_2}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSS9	Klassifikazzjoni tat-titolizzazzjoni		{LIST}
STSS10	Tip ta' Skoperturi Sottostanti		{LIST}
STSS11	Data tal-ħruġ		{DATEFORMAT}
STSS12	Data ta' notifika		{DATEFORMAT}
STSS13	Parti terza awtorizzata		ALPHANUM-100
STSS14	Parti terza awtorizzata (isem u pajjiż ta' stabbiliment)		{ALPHANUM-1000} {COUNTRYCODE_2}
STSS15	L-awtorità kompetenzi li tkun awtorizzat il-parti terza		ALPHANUM-100
STSS16	Status STS		{ALPHANUM-1000}
STSS17	Oriġinatur (jew mutwant oriġinali) mhux istituzzjoni ta' kreditu tal-UE		{Y/N}
STSS18	Konferma ta' kriterji talgħoti ta' kreditu		{ALPHANUM-1000}
STSS19	Dikjarazzjoni li l-kriterji talgħoti ta' kreditu huma soġġetti għal superviżjoni		{ALPHANUM-1000}
STSS20	Skoperturi sottostanti li jinkisbu permezz ta' bejgħ veru		{ALPHANUM-10000}
STSS21	Ebda rkupru serju		{ALPHANUM-10000}
STSS22	Eżenzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' rkupru fil-liġijiet nazzjonali dwar ta' insolvenza		{ALPHANUM-1000}
STSS23	Trasferiment meta l-bejjiegħ ma jkunx il-mutwant oriġinali		{ALPHANUM-1000}
STSS24	Trasferiment li jitwettaq permezz ta' assenjazzjoni u li jiġi pperfezzjonat fi stadju aktar tard		{ALPHANUM-10000}
STSS25	Rappreżentazzjonijiet u garanziji		{ALPHANUM-10000}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSS26	Kriterji għal Immaniġġjar tal-Portafoll attiv		{ALPHANUM-10000}
STSS27	Omoġeneità tal-assi		{ALPHANUM}
STSS28	Obbligi tal-Iskopertura Sottostanti/ebda rititolizzazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSS29	Solidità tal-istandard ta' sottoskrizzjoni		{ALPHANUM}
STSS30	Għarfien espert tal-Orġinatur/tal-Mutwanti		{ALPHANUM}
STSS31	Assi Inadempjenti		{ALPHANUM}
STSS32	Mill-inqas pagament wieħed fil-mument tat-trasferiment		{ALPHANUM-1000}
STSS33	Ripagament tad-detenturi/bejgħ tal-assi.		{ALPHANUM}
STSS34	Konformità mar-rekwiżiti tar-ritenzjoni tar-riskju		{LIST}
STSS35	Mitigazzjoni tar-Riskji tar-Rati tal-Imgħax (IR) u tar-riskji tal-kambju (FX)		{ALPHANUM-10000}
STSS36	Derivattivi Mixtrija/Mibjugħa minn SSPE		{ALPHANUM-10000}
STSS37	Derivattivi permezz ta' standards komuni		{ALPHANUM-10000}
STSS38	Pagamenti tal-imgħax imsemmija bbażati fuq rati tal-imgħax li jintużaw b'mod ġenerali		{ALPHANUM-10000}
STSS39	Ebda qbid ta' flus kontanti wara l-eżekuzzjoni jew avviż ta' aċċellerazzjoni		{ALPHANUM-10000}
STSS40	Ebda ammont ta' flus kontanti ma għandu jiġi maqbud		{ALPHANUM-1000}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSS41	Rikavati prinċipali għandhom jgħaddu lill-investituri		{ALPHANUM-1000}
STSS42	Ripagament ma għandux jitreġġa' lura fir-rigward tas-superjorità tagħhom		{ALPHANUM-1000}
STSS43	Ma għandu jkun hemm ebda dispożizzjoni li tesiġi likwidazzjoni awtomatika tal-iskoperturi sottostanti bil-valur tas-suq.		{ALPHANUM-1000}
STSS44	Titolizzazzjonijiet li jinkludu prijorità mhux sekwenzjali ta' pagamenti		{ALPHANUM-1000}
STSS45	Titolizzazzjoni rotanti b'avvenimenti ta' amortizzazzjoni antiċipata għatterminazzjoni ta' perjodu rotanti abbażi ta' skattaturi preskritti		{ALPHANUM-10000}
STSS46	Deterjorament fil-kwalità kreditizja tal-iskoperturi sottostanti		{ALPHANUM-10000}
STSS47	L-okkorrenza ta' avveniment relatat ma' insolvenza fir-rigward tal-oriġinatur jew tas-servizzjant		{ALPHANUM-10000}
STSS48	Il-valur tal-iskoperturi sottostanti miżmuma mill-SSPE jaqa' taħt limitu predefinit		{ALPHANUM-10000}
STSS49	Nuqqas li jiġu ġġenerati biżżejjed skoperturi sottostanti ġodda li jissodisfaw il-kwalità kreditizja predefinita (skattatur għat-tmiem tal-perjodu rotanti)		{ALPHANUM-10000}
STSS50	Informazzjoni dwar l-obbligi kuntrattwali tas-servizzjant, it-trustee u fornituri oħrajn ta' servizzi anċillari		{ALPHANUM-1000}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSS51	Dispożizzjonijiet dwar il-Kontinwità tas-Servizzjar		{ALPHANUM-1000}
STSS52	Dispożizzjonijiet dwar il-Kontinwità tal-Kontroparti Derivattiva		{ALPHANUM-1000}
STSS53	Dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tal-fornituri tal-likwidità u tal-banek tal-kontijiet		{ALPHANUM-1000}
STSS54	Għarfien espert meħtieġ mis-servizzjant u politiki u proċeduri u kontrolli ta' mmaniġġjar tar-riskju xierqa fis-seħħ		{ALPHANUM}
STSS55	Definizzjonijiet ċari u konsistenti (self problematiku)		{ALPHANUM-1000}
STSS56	Prijoritajiet ta' pagament u avvenimenti skattaturi		{ALPHANUM-1000}
STSS57	Soluzzjoni f'waqtha ta' kunflitti bejn il-klassijiet ta' investituri u responsabbiltajiet ta' trustees		{ALPHANUM-1000}
STSS58	*Data* dwar Prestazzjonijiet Storiċi fir-rigward ta' Inadempjenzi u Telf		{ALPHANUM-1000}
STSS59	Kampjun tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għal verifiki esterni		{ALPHANUM-1000}
STSS60	Disponibbiltà ta' mudell tal-fluss tal-flus tal-obbligazzjonijiet għal investituri potenzjali		{ALPHANUM-1000}
STSS61	Prestazzjoni ambjentali/self residenzjali jew self jew kirjiet għal karozzi		{ALPHANUM-10000}
STSS62	L-oriġinatur u l-isponsor responsabbli għall-konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/2402		{ALPHANUM-1000}

ANNESS II

Formats ta' qasam li għandhom jiġu applikati fil-formola ta' notifika STS

SIMBOLU	TIP TA' *DATA*	DEFINIZZJONI
{ALPHANUM-n}	Sa n karattri alfanumeriċi	Kaxxa għal test liberu. Għandu jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{COUNTRYCODE_2}	2 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż b'2 ittri, kif definit mill-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alpha-2. Għandu jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{CURRENCYCODE_3}	3 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż bi 3 ittri, kif definit mill-kodiċijiet tal-pajjiż ISO 4217. Għandu jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{DATEFORMAT}	Format tad-data skont l-ISO 8601	Id-dati għandu jkollhom il-format li ġej: SSSS-XX-JJ
{Y/N}	karattru alfanumeriku wieħed (1)	'veru'- Y 'falz' – N
{ISIN}	12-il karattru alfanumeriku	Kodiċi ISIN kif definit f'ISO 6166
{LEI}	20 karattru alfanumeriku	Identifikatur ta' entità ġuridika kif definit f'ISO 17442

Formola ta' notifika STS għal titolizzazzjonijiet ABCP

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSAT0	L-ewwel punt ta' kuntatt		{ALPHANUM-1000}
STSAT1	Kodiċi tal-identifikazzjoni tal-istrument		{ISIN}
STSAT2	Il-LEI tal-oriġinatur jew l-isponsor jew il-mutwant oriġinali		{LEI}
STSAT3	Identifikatur tan-notifika		{ALPHANUM-100}
STSAT4	Identifikatur Uniku		{ALPHANUM-100}
STSAT5	Identifikatur tal-Prospett		ALPHANUM-100
STSAT6	Repożitorju tat-titolizzazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSAT7	Isem tat-titolizzazzjoni		ALPHANUM-100
STSAT8	Il-post ta' stabbiliment		{ALPHANUM-1000}
STSAT9	Tip ta' titolizzazzjoni		{LIST}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSAT10	Tip ta' Skoperturi Sottostanti		{LIST}
STSAT11	Data tal-ħruġ		{DATEFORMAT}
STSAT12	Data ta' notifika		{DATEFORMAT}
STSAT13	Parti terza awtorizzata		ALPHANUM-100
STSAT14	Parti terza awtorizzata (isem u pajjiż ta' stabbiliment)		{ALPHANUM-1000} {COUNTRYCODE_2}
STSAT15	L-awtorità kompetenzi li tkun awtorizzat il-parti terza		ALPHANUM-100
STSAT16	Status STS		{ALPHANUM-1000}
STSAT17	Oriġinatur (jew mutwant oriġinali) mhux istituzzjoni ta' kreditu tal-UE		{Y/N}
STSAT18	Konferma ta' kriterji tal-għoti ta' kreditu		{ALPHANUM-1000}
STSAT19	Dikjarazzjoni li l-kriterji tal-għoti ta' kreditu huma soġġetti għal superviżjoni		{ALPHANUM-1000}
STSAT20	Skoperturi sottostanti li jinkisbu permezz ta' bejgħ veru		{ALPHANUM-10000}
STSAT21	Ebda rkupru serju		{ALPHANUM-10000}
STSAT22	Eżenzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' rkupru fil-liġijiet nazzjonali dwar ta' insolvenza		{ALPHANUM-1000}
STSAT23	Trasferiment meta l-bejjiegħ ma jkunx il-mutwant oriġinali		{ALPHANUM-1000}
STSAT24	Trasferiment li jitwettaq permezz ta' assenjazzjoni u li jiġi pperfezzjonat fi stadju aktar tard		{ALPHANUM-10000}
STSAT25	Rappreżentazzjonijiet u garanziji		{ALPHANUM-10000}
STSAT26	Kriterji għal Immaniġġjar tal-Portafoll attiv		{ALPHANUM-10000}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSAT27	Ebda rititolizzazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSAT28	Skoperturi sottostanti ttrasferiti mingħajr skoperturi inadempjenti		{ALPHANUM}
STSAT29	Mill-inqas pagament wieħed magħmul fil-mument tat-trasferiment		{ALPHANUM-1000}
STSAT30	Ripagament tad-detenturi/bejgħ tal-assi.		{ALPHANUM}
STSAT31	Mitigazzjoni tar-Riskji tar-Rati tal-Imgħax (IR) u tar-riskji tal-kambju (FX)		{ALPHANUM-10000}
STSAT32	Derivattivi Mixtrija/Mibjugħa minn SSPE		{ALPHANUM-10000}
STSAT33	Derivattivi fi Skoperturi Sottostanti		{ALPHANUM-10000}
STSAT34	Derivattivi permezz ta' standards komuni		{ALPHANUM-10000}
STSAT35	Definizzjonijiet ċari u konsistenti relatati mal-indirizzar tas-self problematiku		{ALPHANUM-1000}
STSAT36	Prijoritajiet ta' pagament u avvenimenti skattaturi		{ALPHANUM-1000}
STSAT37	*Data* dwar Prestazzjonijiet Storiċi fir-rigward ta' Inadempjenzi u Telf		{ALPHANUM-1000}
STSAT38	Omoġeneità tal-assi		{ALPHANUM}
STSAT39	Obbligi ta' Skopertura Sottostanti		{ALPHANUM-1000}
STSAT40	Obbligi ta' Skopertura Sottostanti		{ALPHANUM-1000}
STSAT41	Pagamenti tal-imgħax imsemmija bbażati fuq rati tal-imgħax li jintużaw b'mod ġenerali		{ALPHANUM-10000}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSAT42	Ebda qbid ta' flus kontanti wara l-eżekuzzjoni jew avviż ta' aċċellerazzjoni		{ALPHANUM-10000}
STSAT43	Ebda qbid ta' flus kontanti wara l-eżekuzzjoni jew l-aċċellerazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSAT44	Rikavati prinċipali għandhom jgħaddu lill-investituri		{ALPHANUM-1000}
STSAT45	Ma għandu jkun hemm ebda dispożizzjoni li tesiġi likwidazzjoni awtomatika tal-iskoperturi sottostanti bil-valur tas-suq.		{ALPHANUM-1000}
STSAT46	Solidità tal-istandards ta' sottoskrizzjoni		{ALPHANUM}
STSAT47	Għarfien espert tal-Bejjiegħ		{ALPHANUM}
STSAT48	Tranżazzjoni ABCP/skattatur tal-kwalità kreditizja rotanti		{ALPHANUM}
STSAT49	Dmirijiet ta' Parteċipant għat-Titolizzazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSAT50	Dispożizzjonijiet dwar il-Kontinwità tas-Servizzjar		{ALPHANUM-1000}
STSAT51	Dispożizzjonijiet dwar il-kontinwità tal-kontropartijiet derivattivi u tal-banek tal-kontijiet		{ALPHANUM-1000}
STSAT52	Sodezza tal-Isponsor		{ALPHANUM-1000}

ANNESS III

Formats ta' qasam li għandhom jiġu applikati fil-formola ta' notifika STS

SIMBOLU	TIP TA' *DATA*	DEFINIZZJONI
{ALPHANUM-n}	Sa n karattri alfanumeriċi	Kaxxa għal test liberu. Għandu jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{COUNTRYCODE_2}	2 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż b'2 ittri, kif definit mill-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alpha-2. Għandu jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{CURRENCYCODE_3}	3 karattri alfanumeriċi	Kodiċi tal-pajjiż bi 3 ittri, kif definit mill-kodiċijiet tal-pajjiż ISO 4217. Għandu jiddaħħal f'format ASCII (ebda karattru aċċentat).
{DATEFORMAT}	Format tad-data skont l-ISO 8601	Id-dati għandu jkollhom il-format li ġej: SSSS-XX-JJ
{Y/N}	karattru alfanumeriku wieħed (1)	'veru'- Y 'falz' – N
{ISIN}	12-il karattru alfanumeriku	Kodiċi ISIN kif definit f'ISO 6166
{LEI}	20 karattru alfanumeriku	Identifikatur ta' entità ġuridika kif definit f'ISO 17442

Formola ta' notifika STS għal Programm ABCP

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSAP0	L-ewwel punt ta' kuntatt		{ALPHANUM-1000}
STSAP1	Kodiċi tal-identifikazzjoni tal-istrument		{ISIN}
STSAP2	LEI tal-isponsor		{LEI}
STSAP3	Identifikatur tan-notifika		{ALPHANUM-100}
STSAP4	Identifikatur Uniku		{ALPHANUM-100}
STSAP5	Identifikatur tal-Prospett		ALPHANUM-100
STSAP6	Repożitorju tat-titolizzazzjoni		{ALPHANUM-1000}
STSAP7	L-isem tal-programm ABCP		ALPHANUM-100
STSAP8	Pajjiż ta' stabbiliment		{ALPHANUM-1000}
STSAP9	Klassifikazzjoni tal-istrument		{LIST}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSAP10	Data tal-ħruġ		{DATEFORMAT}
STSAP11	Data ta' notifika		{DATEFORMAT}
STSAP12	Parti terza awtorizzata		ALPHANUM-100
STSAP13	Parti terza awtorizzata (isem u pajjiż ta' stabbiliment)		{ALPHANUM-1000} {COUNTRYCODE_2}
STSAP14	L-awtorità kompetenzi li tkun awtorizzat il-parti terza		ALPHANUM-100
STSAP15	Status STS		{ALPHANUM-1000}
STSAP16	Sponsor li għandu jkun istituzzjoni ta' kreditu sorveljata		{ALPHANUM-1000}
STSAP17	Appoġġ ta' Sponsor bħala fornitur tal-likwidità		{ALPHANUM-1000}
STSAP18	Dimostrazzjoni għall-awtorità kompetenti ta' istituzzjoni ta' kreditu		{ALPHANUM-1000}
STSAP19	Konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tal-isponsor		{ALPHANUM-1000}
STSAP20	Konformità mar-rekwiżiti tar-ritenzjoni tar-riskju (livell tat-tranżazzjoni/livell tal-programm)		{LIST}
STSAP21	Konformità fil-livell tal-programm ABCP mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2017/2402		{ALPHANUM-1000}
STSAP22	Prelevament tal-likwidità meta l-faċilità ta' likwidità ma tiġġeddidx		{ALPHANUM-10000}
STSAP23	Konformità tat-tranżazzjonijiet ABCP fi ħdan programm ABCP mal-Artikolu 24(1) sa (8) u (12) sa (20) tar-Regolament (UE) 2017/2402		{ALPHANUM-1000}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSAP24	Massimu ta' 5 % tal-ammont aggregat tal-iskoperturi sottostanti li ma jkunux konformi temporanjament		{ALPHANUM}
STSAP25	Il-ħajja medja ponderata li jifdal (WAL) mhux aktar minn sentejn		{ALPHANUM-1000}
STSAP26	Programm ABCP appoġġjat bis-sħiħ (Appoġġ tal-Isponsor)		{ALPHANUM-10000}
STSAP27	Ebda rititolizzazzjoni u l-ebda tisħiħ fil-kreditu li jistabbilixxu t-tieni saff ta' segmentar fil-livell tal-programm ABCP		{ALPHANUM-1000}
STSAP28	Ebda opzjoni ta' xiri		{ALPHANUM-1000}
STSAP29	Rati tal-imgħax u riskji tal-kambju fil-programm ABCP immitigati u ddokumentati kif xieraq		{ALPHANUM}
STSAP30	Rekwiżiti għad-dokumentazzjoni tal-programm ABCP (responsabbiltajiet tat-trustee fil-konfront tal-investituri)		{ALPHANUM-1000}
STSAP31	Rekwiżiti għad-dokumentazzjoni tal-programm ABCP (obbligi kuntrattwali tal-isponsor)		{ALPHANUM-1000}
STSAP32	Rekwiżiti għad-dokumentazzjoni tal-programm ABCP (proċess u responsabbiltajiet fil-każ ta' servizzjant inadempjenti)		{ALPHANUM-1000}
STSAP33	Rekwiżiti għad-dokumentazzjoni tal-programm ABCP (dispożizzjonijiet għas-sostituzzjoni ta' kontropartijiet derivattivi u l-bank tal-kontijiet)		{ALPHANUM-1000}

KODIĊI TAL-QASAM	ISEM TAL-QASAM	KAXXA LI TRID TIMTELA	FORMAT TAL-QASAM
STSAP34	Rekwiżiti għad-dokumentazzjoni tal-programm ABCP (proċeduri biex tiġi żgurata l-kollateralizzazzjoni tal-finanzjament impenjat)		{ALPHANUM-1000}
STSAP35	Rekwiżiti għad-dokumentazzjoni tal-programm ABCP (faċilità ta' likwidità u titoli li jimmaturaw li għandhom jitħallsu lura meta l-isponsor ma jġeddidx l-impenn ta' finanzjament tal-faċilità ta' likwidità qabel ma jiskadi)		{ALPHANUM-1000}
STSAP36	Għarfien espert tas-servizzjant		{ALPHANUM}